MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 1254/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**
**VS**
**EMANUEL BALZAN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Emanuel Balzan ta’ 34 sena, bin Joseph u Lucia nee’ Pace, mwieled Attard fis- 26 ta’ Jannar 1977, residenti fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 128177M;

Talli f’ April 2011 u fix- xhur ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijeit differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, inganna jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kmierika, ghamel qliegh b’ qerq ta’ aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta’ Ommissis;
2) u aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is- somma ta’ aktar minn € 2,329.37 ghad-dannu ta’ Ommissis, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
3) u b’ hekk Emanuel Balzan sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti qed issibu hati u tista’ tghaddi ghas-sentenza. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza

kienu s-segwenti. L-imputat ammetta li fil-perijodu bejn Lulju 2010 u Jannar 2011, kien ha madwar sitta w sebghin elf Ewro (€76,000) lil Ommissis. Dawn il-flus kollha ntuzaw mill-imputat, kif hemm indikat fl-istqarrija tieghu, u kif hemm indikat f' dokument esebit fl-atti minn Ommissis, immarkat bhala Dok JS1. Jidher car li l-imputat kien qed ighix gidba mil-bidu sal-ahhar, u kien jiehu somom konsiderevoli ta' flus biex ighix din il-hajja fittizja ta' holm. Hu rnexxielu jiffroda somma konsiderevoli lil Ommissis fi zmien relattivament qasir hafna, u jidher li dawn il-flus kollha ntefqu f' hakka t' ghajn.

Kwantu ghall-piena, il- parametri skond il-ligi huma ta' prigunerija bejn tlittax-il xahar u seba' snin, li bl-addebitu tar-recidiva, joghla ghal bejn tmintax-il xahar u disa' snin. Tenut kont tal-ammissjoni bikrija, li hu l-uniku fattur li jimmilita favur mitigazzjoni u temperament fil-piena, il-Qorti ser tibqa' lejn terz tal-massimu tal-piena hawn fuq indikata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18,308,309,310 u 293 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlitt (3) snin prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------